## 18 ta' April, 1963

**Imħallef:**

**Onor J. Caruana Colombo, *B.Litt.*, *LL.D.***

Annetto Xuereb Montebello

*versus*

Avv. Dr. Marcel Bianchi et noe

**Eredità — Kondizzjoni — Testment — Suċċessjoni — Ftuħ ta'**

*Meta testment jikkondizzjona l-eredità mħollija lil ċerti persuni għall-avverament ta' kondizzjoni nċerta, allura dawk il-persuni li jmutu qabel ma tavvera ruħha dik il-kondizzjoni jitilfu d-drittijiet ereditarji eventwali tagħhom.*

Il-Qorti, rat il-libell ta' Anetto, Giuseppina, mart Luigi Albani, Beatrice, Carmelo, aħwa Xuereb Montebello, bħala eredi testamentarji ta' missierhom Benedetto Xuereb Montebello, u Luigi Albani, bħala leġittimu rappreżentat ta' wliedu minuri Carmelo, Giuseppe Maria, u Benedetto, bħala eredi leġittimi ta' ommhom Maria Dolores Xuereb Montebello, tifla oħra eredi testamentarja ta' l-imsemmi Benedetto Xuereb Montebello, li bih wara li jesponu li b'testment fl-atti tan-Nutar Gio Batta Saydon, tat-28 ta' Settembru, 1897 (Dokument B), Dottor Pasquale De Lorenzo wara li istitwixxa ċerti legati, innomina eredi usufruttwarja fit-totalità tal-assi tiegħu immobiljari l-ewwel lil Maria Antonia vedova Farrugia, u warajha lin-*neputijiet Don Giorgio, Rosina u Carolina aħwa* Farrugia, u istitwixxa bħala eredi tiegħu proprjetarji tiegħu ċioè t-tfal talvolta naxxituri ta' l-imsemmija Rosina u Carolina Farrugia, u in difett ta' dawn istitwixxa u innomina bħa-

la eredi tiegħu universali l-parenti l-aktar viċini mil-lat tal-missier u mil-lat tal-omm, f'nof kull wieħed u "in stirpes" u mhux "in capita", u illi l-imsemmija Rosina Farrugia mietet fid-29 ta' Settembru, 1911 (Dok. C), mingħajr dixxendenti, u l-imsemmija Carolina mart Filippo Farrugia mietet *fil-5 ta'* Awissu, 1932, ukoll mingħajr tfal u dixxendenti (Dok. D); u illi b'dan il-mod, fil-5 ta' Awissu, 1932, avverat ruħha l-kondizzjoni li taħtha ġew imsejħin għall-eredità l-eqreb parenti għan-nofs, u l-eqreb parent min-naħa tal-omm kwantu għan-nofs l-ieħor, li kienu ħajjin fil-mument tant tal-apertura tas-suċċessjoni kemm ukoll fil-mument tal-verifika tal-kondizzjoni, u illi kif jirriżulta mill-alberu ġenealoġiku (Dok. E), u mill-annessi ġustifikazzjonijiet (dokumenti markati X, X1, X2, X3), l-esponenti huma wlied in-neputijiet Benedetto Xuereb Montebello u Paolo Cutajar, liema Giuseppe Xuereb Montebello kien a sua volta iben Saveria Montebello li kienet bint Maria De Lorenzo mart Aloisio Montebello, u dina Maria De Lorenzo kienet bint Michele De Lorenzo, u Paola Scicluna li kienu l-ġenituri ta' Pasquale De Lorenzo li miż-żwieġ tiegħu ma' Maria Pulis kellu lil Giorgio De Lorenzo, missier it-testatur, u illi billi t-testatur ordna li d-diviżjoni ssir in stirpes għalhekk in-nofs li jispetta lil eqreb parenti min-naħa tal-missier għandu jinqasam bejn il-kontendenti in kwantu għall-kwart ta' l-intier lil libellanti u inkwantu għall-kwart l-ieħor lil eredi ta' Maria Pulis, li wħud minnhom huma l-intimati: jitolbu li prevja d-dikjarazzjoni li s-suċċessjoni ta' l-imsemmi Dr. Pasquale De Lorenzo, kwantu għan-nofs li ġie devolut a favur tal-parenti tiegħu min-naħa tal-missirijiet tiġi miftuħa għan-nofs ċioè għall-kwart ta' l-intier, a favur tagħhom fi kwoti ugwali ċioè kwint ta' kwart ugwali għall-venteżimu (1/5 ta' $\frac{1}{4}$ = 1/20), billi huma jiġu ammessi biex jikkonsegwixxu dan il-kwart ta' l-intier mis-suċċessjoni bil-frutti relativi mill-ġurnata taċċessazzjoni tal-użufrutt ta' l-imsemmija Carolina Farrugia a preferenza ta' kwalunkwe konkorrenti oħra.

OMISSIS...

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali minnu preżentata fis-6 ta' Novembru, 1957, bid-dokumenti magħha esibiti minnu.

OMISSIS...

Ikkunstatat li l-perit legali ħalef ir-relazzjoni tiegħu.

OMISSIS...

Rat ir-relazzjoni addizzjonali tal-perit legali, li ġiet minnu debitament ġuramentata.

OMISSIS...

Ħadet konjizzjoni ta' l-atti kollha tal-proċes, u eżamina l-atti l-oħra kollha li ssemmew jew li għalihom saret riferenza fil-kors tal-kawża;

Ikkunsidrat:—

Illi mill-provi akkwisti għall-proċess jirriżulta li b'testment fl-atti tan-Nutar Gio Batta Saydon, tat-28 ta' Settembru, 1897, l-Avukat Pasquale De Lorenzo, fost disposizzjonijiet oħra, ħalla b'titolu ta' legat lil oħtu Maria Antonia armla minn Salvatore Farrugia, l-usufrutt universali tal-beni kollha tiegħu immobiljari, preżenti u futuri, u ordna li wara li jkun spiċċa dan l-usufrutt, l-istess kellu jitgawda suċċessivament minn uliedha, in-neputijiet tiegħu Saċerdot Don Giorgio, Rosina u Carolina mart Filippo Farrugia, aħwa Farrugia, tfal ta' Salvatore Farrugia, u salv dan l-usufrutt, it-testatur istitwixxa u nnomina eredi universali tiegħu l-proneputijiet tiegħu, it-tfal talvolta naxxituri minn Carolina mart Filippo Farrugia u Rosina Farrugia, xebba, u fin-nuqqas ta' dawn it-tfal istitwixxa

u nnomina prossimi eredi universali tiegħu l-parenti l-aktar prossimi tiegħu mil-lat patern, in kwantu għan-nofs u minn l-att matern in kwantu għan-nofs l-ieħor, u "in stirpes" et non in capital, billi t-testatur ma ridx li l-beni tiegħu qatt jippervievu lil persuni estranji u mhux affini għalih.

Illi huwa evidenti li d-dispożizzjonijiet ordnati f'dan it-testment bdew iseħħu mal-mewt ta' l-imsemmi Dr. De Lorenzo li ġrat f'Ħaż-Zabbar fil-25 ta' Settembru, 1901, fosthom, dawk relativi għall-usufrutt imsemmija minnu mħollija. Maria Antonia Farrugia, l-usufruttwarja istitwixxa fl-ewwel lok, ma laħqetx gawdiet, anzi anqas ma bdiet tgawdi l-imsemmi usufrutt għaliex din mietet fid-29 ta' April, 1898, ċioè qabel it-testatur, u għalhekk l-istess usufrutt beda mill-ewwel jiġi gawdut mill-imsemmija tfal tagħha, Dan Giorgio, Rosina u Carolina mart Filippo Farrugia. Is-Saċerdot Dun Giorgio Farrugia miet fid-19 ta' Diċembru, 1910, Rosina Farrugia, li wara l-mewt ta' ħuha baqgħet tgawdi l-usufrutt flimkien ma' oħtha Carolina, mietet fid-29 Settembru, 1911, u Carolina mart Filippo Farrugia li wara l-mewt ta' oħtha Rosina baqgħet tgawdi dak l-usufrutt weħidha, mietet fil-5 ta' Awissu, 1932, u mal-mewt ta' din ta' l-aħħar l-istess usufrutt spiċċa u kkonsolida ruħu mal-proprietà favur l-eredi istitwiti mit-testatur.

Illi mhux f'kuntrast li ma kienx hemm tfal la minn Carolina mart Filippo Farrugia u lanqas minn Rosina Farrugia, u għalhekk ivverifika l-każ ta' nuqqas ta' tfal, ulied u dixxendenti, indikati fit-testment, u mal-mewt ta' l-aħħar fost l-imsemmija tliet aħwa, tfal ta' Salvatore u Maria Antonia Farrugia, l-eredità tat-testatur Dr. De Lorenzo għaddiet in kwantu għan-nofs għand l-eqreb parenti tiegħu min-naħa tal-missier u in kwantu għan-nofs l-ieħor għand l-eqreb parenti tiegħu min-naħa ta' l-omm. Dwar daqshekk lanqas ma hemm xi kontestazzjoni mill-partijiet f'dan il-ġudizzju li jirrigwarda biss in-nofs ta' l-eredità li t-testatur ħalla lil eqreb parenti tie-

għu min-naħa tal-missier, id-diversi konkorrenti jikkontestaw lil xulxin, b'mod jew ieħor, il-prossimità tal-grad ta' parentela mad-decuius billi kull wieħed minnhom jippretendi li hu l-aktar viċin fil-grad ta' parentela miegħu. Infatti, tant fil-proċeduri fis-Sekond'Awla ta' dina l-Qorti konkjuzi bid-digriet numru 2005 tal-1937, imsemmi diversi drabi fl-atti ta' dan il-proċess, u li għalih segwa dan il-ġudizzju, kemm fil-proċeduri ta' dan l-istess ġudizzju, ġiet sollevata l-kwistjoni jekk il-pregradwazzjoni għandhiex issir biss fost dawk il-persuni li kienu ħajjin tant fil-mument ta' l-apertura tas-suċċessjoni kemm fil-mument tal-verifika tal-kondizzjoni tan-nuqqas tat-tfal minn Rosina Farrugia u Carolina Farrugia, jew ukoll fost dawk li kienu ħajjin fl-ewwel mument imma kienu mejtin fit-tieni mument, fis-sens li ġie sottomess li l-eqreb parenti tat-testatur li mietu qabel il-verifika tal-kondizzjoni għandhom jiġu rappreżentati minn uliedhom jew dixxendenti tagħhom li kienu jeżistu fil-mument tal-verifika tal-kondizzjoni u kwindi dawn uliedhom jew dixxendenti tagħhom għandhom dritt huma wkoll għal sehem mill-eredità. Għalhekk irid fl-ewwel lok jiġi stabilit, kif tajjeb issottometta l-perit legali, min mill-parenti tat-testatur għandu jikkonsegwixxi l-eredità tiegħu minħabba n-nuqqas tat-tfal u dixxendenti msemmijin aktar 'il fuq, u fit-tieni lok minn min dawn il-parenti huwa l-eqreb lejn it-testatur u għandu konsegwentement jiġi ammess għall-konsegwiment kollu jew in parti, skond l-grad, tas-suċċessjoni fil-kwistjoni.

Illi l-perit legali, fir-relazzjoni tiegħu, ferm elaborata u eżawrenti, ġie għall-konklużjoni li l-qraba ta' Dr. De Lorenzo li mietu qabel Rosina Farrugia u Carolina Farrugia ma jidħlux f'din l-eredità, u lanqas ma jidħlu s-suċċessuri tagħhom, u li għandhom jiġu ammessi għal dan il-wirt dawk il-qraba biss li kienu ħajjin meta miet it-testatur u kienu għadhom ħajjin meta mietet l-aħħar miż-żewġ nisa issa msemmijin, jiġifieri meta mietet Carolina mart Filippo Farrugia, ċioè fil-

5 ta' Awissu, 1932. Bħala bażi għal din il-konklużjoni l-perit legali ssottometta dawn ir-raġunijiet. Dr. Depasquale De Lorenzo, sejjaħ għal wirt tiegħu lil eqreb demm tiegħu u fil-każ biss li ma jkunux jeżistu pro neputijiet, naxxituri minn neputijiet tiegħu Rosina Farrugia u Carolina mart Filippo Farrugia ex sorore Maria Antonia armla minn Salvatore Farrugia. Kieku dawn in-neputijiet ħallew anke tifel wieħed biss, ħadd mill-eqreb parenti, ma kien imissu xejn mill-wirt ta' Dr. De Lorenzo. Huwa għalhekk ċar li l-kondizzjoni kontemplati mit-testatur kienet tali li minnha kienet tiddependi mhux biss l-esekuzzjoni ta' l-istituzzjoni ta' l-eredi, imma l-istess istituzzjoni nnifisha: mill-fatt jekk l-imsemmija Rosina Farrugia u Carolina Farrugia jkollhomx tfal kien jiddependi mhux il-mument meta l-parenti tat-testatur jidħlu fil-pussess ta' l-eredità, imma s-sostanza kollha ta' l-istituzzjoni ta' dik l-eredità. Skond il-liġi (Art. 753 Kodiċi Ċivili), kull dispożizzjoni f'testment magħmula taħt kondizzjoni li tkun tiddependi minn ġrajja mhux żgura u li tkun tali li fil-ħsieb tat-testatur id-dispożizzjoni ma għandiex tiswa ħlief fil-każ li dik il-ġrajja tiġri jew ma tiġrix, tibqa' bla effett kemm il-darba l-persuna li favur tagħha tkun ġiet magħmula, tmut qabel ma sseħħ l-kondizzjoni. Huwa nnegabbli li l-istituzzjoni ta' l-eredi fil-persuna tal-qraba tat-testatur saret taħt kondizzjoni li tiddependi minn ġrajja mhux żgura, għaliex meta t-testatur iddetta dik id-dispożizzjoni, ma kienx żgur, la għalih u lanqas għal ħadd, li n-neputijiet tiegħu Rosina u Carolina ma kienux sejrin ikollhom tfal. Huwa wkoll innegabbli li fil-ħsieb tat-testatur l-istituzzjoni ta' l-eredi fil-qraba tiegħu ma kellix tiswa ħlief skond jekk dawn Rosina u Carolina jkollhom tfal jew le, u allura darba li l-istess leġislatur qal li f'kontinġenzi simili d-dispożizzjoni tibqa' bla effett kemm-il darba l-persuna li favur tagħha tkun ġiet magħmula tmut qabel ma sseħħ il-kondizzjoni, ma jidhirx kif jista' jiġi dubitat li l-istituzzjoni tal-eredi għandha tibqa' sseħħ favur dawk il-qraba li mietu qabel, meta l-kondizzjoni kienet għadha pendenti. Meta miet it-testatur Dr.

De Lorenzo, infetħet is-suċċessjoni tiegħu favur it-tfal naxxenti ta' Rosina u Carolina, a favur l-eqreb parenti tiegħu fil-każ ta' nuqqas ta' dawn it-tfal talvolta naxxituri. Għalhekk mal-mewt tat-testatur, kien hemm numru ta' parenti tiegħu li kollha kemm huma, salv l-prijorità, rispettiva tagħhom fil-grad ta' parentela tagħhom miegħu, kellhom speranza li għad jirtu. Dak il-mument ma kellhom xejn, ebda dritt akkwisit, kellhom biss l-isperanza li Rosina u Carolina jmutu bla tfal, biex fl-avverament ta' din l-isperanza huma jidħlu fil-pussess ta' l-eredità. F'dan il-każ, l-isperanza tagħhom kienet tikkonverti ruħha f'realtà. U kull minn miet minnhom qabel il-verifika tal-kondizzjoni miet mingħajr ma laħaq wiret. Dan ma jikkontrastah ħadd; dak li minn xi ħadd jiġi kontrastat huwa l-konsegwenza ta' din il-mewt qabel l-verifika tal-kondizzjoni, ċioè jekk dak li kien jispera l-eredi li miet kienx jista' jkompli jisperah il-werriet tiegħu. Apparti li fid-dottrina huwa magħruf li l-isperanzi ta' drittijiet ma jintirtux, ċioè ma jgħaddux minn persuna fil-werrieta ta' dik il-persuna, il-liġi fl-artikolu ġià ċitat tiddisponi f'terminu inekwivoċi illi dispożizzjoni kondizzjonali tibqa' bla effett kemm-il darba l-persuna li favur tagħha tkun ġiet magħmula tmut qabel ma sseħħ l-kondizzjoni, dak li jfisser illi mal-mewt tal-persuna li kienet tispera li tiret, mietet mhux l-isperanza ta' dik il-persuna, b'mod li l-istess speranza għaddiet fis-suċċessuri tagħha, imma mietet l-istess dispożizzjoni. Il-leġislatur jipproklama l-mewt tad-dispożizzjoni mal-mewt tal-persuna benefikata b'dik id-dispożizzjoni, u la darba l-leġislatur joqtol id-dispożizzjoni nnifisha, mhux konċepibili li l-istess dispożizzjoni tkompli sseħħ favur dawn il-persuni li jissuċċedu għal dik il-persuna li fir-relazzjonijiet magħha d-dispożizzjoni titlef kull effikaċja u eżistenza.

Illi dina l-Qorti taqbel mal-konklużjoni msemmija raġġunta mill-perit legali, u tadottaha. Del resto, dan il-prinċipju ġià ġie stabilit minn dina l-Qorti, fid-9 ta' Ottubru, 1948, fis-sen-

tenza fil-kawża in re "Caruana vs. Mallia" (Vol. XXXII, ii, 316), li appuntu kienet tirrigwarda n-nofs l-ieħor ta' l-eredità li t-testatur ħalla lill-eqreb parenti tiegħu minn naħa tal-omm.

OMISSIS...

Illi għalhekk il-Qorti tadotta, għar-raġunijiet indikati mill-perit legali, l-elenku tal-konkorrenti ammessi għall-konsegwiment ta' l-eredità msemmija, bil-kwoti mill-istess eredità ta' kull wieħed minnhom, kif ġie sottomess mill-istess perit, indikati kontra n-numri minn wieħed (1) sa mija u seba' u tletin (137), fil-fol. 831 sa 865 tal-proċess liema elenku tordna li għandu jifforma parti integrali ta' din is-sentenza, però b'dawn il-modifikazzjonijiet.

OMISSIS...

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċiedi billi tiddeċiedi illi s-suċċessjoni tal-Avukat Dr. Pasquale De Lorenzo għal dak li jirrigwarda l-parenti min-naħa tal-missier tmiss lil persuni fuq indikati fil-motivazzjoni tas-sentenza u fil-kwoti hemm ukoll indikati, u dan bil-frutti relativi mill-ġurnata taċ-ċessjoni ta' l-usufrutt ta' Carolina, mart Filippo Farrugia, 'il fuq ukoll imsemmija, u billi tiddikjara l-istess suċċessjoni miftuħa a favur ta' l-istess persuni fuq indikati.

L-ispejjeż jitħallsu mill-kontendenti li jipparteċipaw fil-wirt, skond ir-rispettiva kwota, imma l-kontendenti l-oħra u l-inventarjanti jħallsu l-ispejjeż tagħhom.